# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

indirizze: santavenera.lc@gov.mt

Sit elettroniku: http://www.stvenera.lc.gov.mt


**21/19**

**Il-wieħed u għoxrin (21) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar, 2014 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier (daħal għall-laqgħa fis-19.02) |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Aġenda:

1. **Talba**
2. **Qari u approvazzjoni tal-minuti 19/19 u 20/19**
3. **Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti**
4. **Korrispondenza**
5. **Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**
6. **Ilmenti**
7. **Ordnijiet tal-Ġurnata**

   **(a) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni fuq Tender u Kwotazzjonijiet**

   **(b) Tender fuq Manutenzjoni ta' Lampi**

8. **Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

9. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

10. **Aġġornament**

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

## 2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 19/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 19/19
2.2.1 Minuta 3.1 – jiżdiedu l-kelmiet "ta' fuq" bejn il-kelmiet "in-naħa ta' ".
2.2.2 Bejn Minuta 3.5 u 3.6 tidħol is-sentenza "Is-Sur Horace J. Anastasi ġie skużat mill-laqgħa (8pm)."
2.2.3 Minuta 7(a) – fit-tieni paragrafu wara il-kelma "il-boroż" tiżdied "li"; Wara l-kelma "f'Novembru" tinqata l-kelma "pero".
2.2.4 Minuta 9.2 – Fl-aħħar sentenza tinqata' il-kelma "ma" li hemm qabel "mhuwiex"
2.2.5 Minuta 9.4 – Fl-ewwel sentenza isiru l-ispazji, flok "jtina3snin" issir "jtina 3 snin"

2.3 Il-Minuti 20/19 ttieħdu bħala moqrija

2.4 Korrezzjoni tal-Minuti 20/19
2.4.1 Minuta 2.1 – fit-tieni paragrafu hemm żball fil-kelma "inteervista" li trid tiġi "intervista.
2.4.2 Minuta 2.2 – Fit-tieni paragrafu il-kelma "kunsidrati" issir "ikkunsidrati".

2.5 Approvazzjoni tal-Minuti

2.5.1 Il-Minuti tal-laqgħat 19 u 20 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

## 3 *Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti*

3.1.1 Laqgħa 19 Minuta 3.4 Is-Sindku ippreżenta il-Pjan ta' Ħidma u staqsa jekk hemmx xi rimarki fuqu. Fuq punt 6.2.2 tizdied li jsiru ukoll taħdidiet fuq tad-diabete. B'hekk il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament.

3.1.2 Laqgħa 19 Minuta 9.4 – Is-Sindku qal li fuq in-numri tal-lampi, il-Kuntrattur kellu jagħmilha ta' lewn ikħal sabiex naraw kif tiġi.

3.2.1 Laqgħa 20 – Il-Kunsill bagħat kollox lid-Dipartiment u issa qiegħdin nistennew l-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari.

## 4 *Korrispondenza*

4.1 Irċevejna korrispondenza rigward il-Kunsill taż-żgħażagħ – il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni li jsir dan il-proġett li l-Kunsill taż-żgħażagħ jista jibbenefika minn €3,000 fuq proġett propost minnhom li €600 minnhom irid joħroġhom il-Kunsill. Dan il-proġett irid ikun dejjem approvat mil-Kunsill. Il-Kunsill taż-żgħażagħ jista japplika għal iktar minn proġett wieħed.

4.2 Is-Sindku qal li bħalissa għandna kwistjoni ~~ta'~~ ma' Trasport Malta fuq xogħol li kienu għamlu huma għal dik il-ħabta li kien ġej il-Papa liema xogħol spiċċa iżomm ħafna ilma tax-xita fejn il-kappella San Ġużepp.

Is-Sur Sultana qal li ilu jikkorrispondi ma' TM minn Lulju 2013. TM mhux qiegħda tammetti li x-xogħol sar ħażin u għalhekk laqgħetx it-talba tal-Kunsill. Is-Sindku tal-parir li x-xogħol isir mil-Kuntrattur il-ġdid tagħna tal-Patching u il-kont jintbgħat lil TM. Jekk eventwalment TM tibqa ma tħallasx ikollna nirrikorru għall-ittra legali.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nipproċedu hekk.

## *5 Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni*

5.1 Is-Sindku irrimarka li pagament 416 ta' €170.05 lill-MicaMed jiġi rivedut mil-Contracts Manager minħabba l-istruzzjonijiet kienu li jibdel il-lampa ma' waħda li għandna aħna u mhux ma oħra ġdida.
Apparti hekk hemm ukoll li il-MicaMed qiegħed jgħid li Blokka B ta' fejn il-Palazz l-Aħmar ma sabiex għalhekk irridu niċċekkjaw mal-Contracts Manager fuqha wkoll.

Apparti dawn il-pagamenti il-kumplament ġew approvati unanimament.

## *6 Ilmenti*

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 325 sa ilment numru 349. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

325 Ħaddiema Assenjati
326 Ħaddiema Assenjati
327 Mhux possibbli
328 Ħaddiema Assenjati
329 *It-triq ma tippermettiex dan sakemm dik l'parti ma tiġiex* 'One Way'
330 Issir Purchase Order ~~minn għand~~ Gauci Borda u jsiru ta' fejn l-Istitut t'Apap wkoll
331 Ħaddiema Assenjati
332 Inkellmu lil Contracts' Manager
333 Ħaddiema Assenjati
334 Ħaddiema Assenjati
335 Ħaddiema Assenjati
336 Issir laqgħa informali mas-sidien tal-garaxxijiet
337 Ħaddiema Assenjati
338 Ħaddiema Assenjati
339 Niktbu lil Pulizija għal aktar infurzar
340 Lesti
341 Lesta
342 Il-Kunsill qed jitlob l-permess tal-MEPA dwar ic-Change f Use
343 Ħaddiema Assenjati
344 Koptasin
345 Enemalta
346 Trasport Malta
347 Koptasin
348 Trasport Malta
349 Ħaddiema Assenjati
349 (b) Ilment li fi Triq Abela fid-daħla fejn ma tinfidx qiegħed isir parking quddiem dar fuq il-*bankina. Ġie deċiż sabiex inkellmu lil Pulizija għal aktar infurzar.*

## *7 Ordnijiet tal-Ġurnata*

(a) Rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fuq Tender u Kwotazzjonijiet

Is-Sindku qara r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni rigward il-kwotazzjonijiet tal-Live Streaming u it-tender tal-Patching u Bankini.

Is-Sindku qal li fuq il-Live streaming il-kwotazzjoni titratta kuntratt ta' erba' snin li b'kollox skont il-kwotazzjoni jammonta għal- €4,732. Fih qiegħed ikun inkluż il-Maintenance u is-supply u installation. Apparti dan ikollna inħallsu connection ġdida tal-internet.

Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni irrakomanda li l-kuntratt għandu jsir għal sentejn u mhux erbgħa. Għalhekk inkellmu lid-Dipartiment sabiex naraw jekk hux ser ikollna aktar fondi allokati għall-internet connection u naraw ukoll jekk jistax isir għal perjodu ta' sentejn minflok.

Rigward it-tender tal-Patching u Bankini is-Sindku qal li pprepara eżerċizzju, liema eżerċizzju ġie ppreżentat lill-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Sar ukoll ir-rapport tal-Perit, li ġie ibbażat fuq toroq fiż-Żurrieq u f' Ħal Kirkop.

Mir-rapporti ħareġ li fuq *major patching* is-Central Asphalt ġie aktar għoli b'4.5% pero fuq toroq u Bankini l-Asfaltar ġie aktar għoli b'8.76%.

Għalhekk fuq dan il-punt is-Sur Sultana qiegħed jirrakkomanda lill-Kunsill lis-Central Asphalt anke ukoll minħabba l-fatt li matul dawn l-aħħar 9 snin, għamel diversi xogħolijiet f'Santa Venera mingħajr problemi. Is-Sur Anastasi ssekonda l-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

(b) Tender fuq Manutenzjoni ta' Lampi

Is-Sindku rrimarka dwar il-fatt li t-Tender ta' Manutenzjoni ta' Lampi kien ilu skadut diversi snin. Wara li qara ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment ta' Gvern Lokali, il-Kunsill b'mod unanimu qabel li għandu jiġi ppreparat t-*tender document* sabiex eventwalment jinħarġu l-offerti.

Kien hemm ukoll qbil sabiex is-Sindku jaħtar engineer sabiex jaġġudika l-offerti u dan minħabba t-teknikalita li jkun fihom imbgħad issir ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill.

## *8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati*

8.1 Ma kienx hemm minuti ta' Kumitati u Sotto Kumitati.

## *9 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

9.1 Is-Sindku rigward l-attivita tal-Akkwadott iffjurit qal li flok l-24 ta' Mejju ser issir fit-3 ta' Mejju li ser ikun is-Sibt. Dan it-tibdil ser isir minħabba li fl-24 ta' Mejju ser ikun hemm l-Elezzjonijiet tal-Membri Parlamentari Ewropej.

9.2 Is-Sindku qal li rigward il-Proġett tal-Youths "Move on, on Move" irċevejna sabiex niffirmaw il-kuntratt bil-membri tal-Amministrazzjoni il-ġdida pero ġaladarba il-flus tal-Proġett qatt ma daħlu fil-kontijiet tal-Kunsill m'għandnix kontabilita. Is- Sindku qal li fuq dan il-punt huwa ma ħassux li għandu jiffirma dan il-ftehim.

Il-Kunsill qabel mas-Sindku li ma nerfgħux responsabilita u għalhekk nitolbu laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jiġi diskuss dan il-Proġett.

9.3 Is-Sur Stephen Sultana qal li ġie avviċinat minn l-eks Kunsillier Edwin Formosa fejn irrimarka li bejn Jannar u Marzu 2013 kien rikoverat l-isptar. Is-Sur Formosa qal li f'dan iż-

żmien huwa ġie imniżżel bħala assenti mill-laqgħat tal-Kunsill u għalhekk ġarrab tnaqqis mill-allowance tal-Kunsilliera. Is-Sur Formosa jixtieq li l-Kunsill jerġa jikkunsidra dan il-fatt u jirrifondilu l-allowance dovuta.

Fuq dan il-punt għalhekk sar qbil li għandna niktbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal gwida. Is-Sur Anastasi ma qabilx dwar dan.

9.4 Is-Sindku qal li innota li għandna żewġ kontijiet tal-ARMS Ltd bin-N reading li jfisser li mhumiex jinqraw il-meters. Dawn il-kontijiet huma tar-Roundabout ta' Santa Venera fejn l-aħħar kont kien tħallas *Actual* kien f' Jannar 2009. Wara li inqara il-meter jidher li hemm differenza ta' madwar 23,000 unit u dan ser ifisser li ser ikollna niffaċċaw kont għoli.

Il-Kont l-ieħor bl-N reading huwa tal-Ġnien Romeo Romano li l-istess jidher li ser ikun hemm differenza fil-kont. F'dan l-istadju, is-Sur Anastasi ġie skużat għal kumplament tal-laqgħa.

9.5 Is-Sindku qal li rigward il-Proġett ta' Misraħ Santa Venera hemm problema fl-overflow fejn wara li sar it-test bil-cameras jidher li daħlet biċċa maduma fil-katusa u qiegħda timblokka d-drenaġġ. Din hija responsabilta ta' Schembri Barbros u ser jaraw kif ser ikissruha.

9.6 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li t-Triq il-ġdida fi Triq l-Imsida ser jibda x-xogħol fuqha u minħabba f'hekk l-Enemalta indunat li iridu jgħaddu high tension cable minn Triq l-Imsida li propju saret ftit tax-xhur ilu. Dan il-cable irid jibqa sejjer sa Misraħ il-Barrieri u ipproponu li ssir trinka fin-nofs tat-triq. Is-Sindku qal li hu mhux ser jippermetti dan. Jekk iridu jagħmlu dan, huwa talab li jsir *full width tarmac.*

Meta kienet ħa ssir it-triq, l-Enemalta kienu ġew ikkonsultati iżda ma attendewx. Kien hemm ukoll bdil ta' korrispondenza fuq dan is-suġġett u minkejja li kienu għaddew sentejn u tlett xhur, dawn il-*cables* baqgħu ma ġewx mgħoddija. Il-Kunsill f'dak iż-żmien, peress li kien daħal fi ftehim mal-Gvern ma setax jibqa jistenna lill-Enemalta peress li kien hemm ukoll il-possibilta li jintilfu l-fondi relatati ma l-iskema tal-PPP.

9.7 Is-Sindku ippropona li isiru laqgħat mal-Għaqda tan-Nar nhar is-16 ta' Frar fl-10.30am u issir laqgħa wkoll mal-Każin tal-Partit Laburista dak in-nhar stess fil-11.30.

## *10 Aġġornament*

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 17 ta' Frar, 2014 fis-6.30pm b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa intemmet fid-9pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, ...17/02/2014...